**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 309/12VG**

**Medairco Limited**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Medairco Limited fit-28 ta' Diċembru 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05, 01.04.05-30.06.05, 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 jiġu kkanċellati u revokati *in toto;*

Ra l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05, 01.04.05-30.06.05, 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud permezz ta' liema jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05, 01.04.05-30.06.05, 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u jitlob li l-istess jiġi

miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha, u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) l-appell huwa rritu u null peress illi ma ġiex intavolat entro t-terminu ta' tletin ġurnata prefiss fil-Partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-appell huwa rritu u null stante li s-soċjetà Rikorrenti ma ħallsitx it-taxxa mhux kontestata fl-ammont ta' €916,117.46 u dana in vjolazzjoni tal-Partita 4(1)(b) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-appell huwa rritu u null stante li l-azzjonist ma huwiex il-persuna suġġett ta' l-istimi in kwistjoni u l-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li l-appell jista' jiġi intavolat mill-persuna fil-konfront ta' min jinħarġu l-istimi, fil-każ in eżami s-soċjetà Rikorrenti; (iv) fil-mertu l-appell għandu jiġi miċħud;

Ra d-dokumenti markati Dok. "A" annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Ra li waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013[1], il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal jittratta u jiddeċiedi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud qabel ma jittratta l-appell fil-mertu;

Ra li waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013[2] id-difensur tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud irtira t-tielet eċċezzjoni sollevata in opposizzjoni għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti;

Sema' x-xhieda ta' Kenneth Pisani[3] u ta' Carmel Dimech[4], entrambe rappreżentanti tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013, sema' x-xhieda ta' Roberto Formosa, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013[5] u rat id-dokumenti markati Dok. "RF1" u Dok. "RF2" esebiti minnu a fol. 34 u 35 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013[6] u ta' l-14 ta' Marzu 2014[7] u ra d-dokument markat Dok. "RS1" esebit minnu a fol. 41 sa' 46 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Dr. Claudette Fenech, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2014[8] u rat id-dokument esebit minnha a fol. 53 sa' 219 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013[9], it-Tribunal, in vista tax-xhieda ta' Roberto Formosa, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), minn liema rriżulta li f'Novembru 2011 Anthony Migneco ġie notifikat b'Demand Note maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, *ex officio* ssolleva kwistjoni dwar il-kompetenza Tiegħu;

---

[1] Fol. 17 tal-proċess.
[2] Fol. 18 tal-proċess.
[3] Fol. 22 sa' 24 tal-proċess.
[4] Fol. 25 sa' 28 tal-proċess u fol. 20 u 21 tal-proċess.
[5] Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.
[6] Fol. 29 u 30 tal-proċess.
[7] Fol. 47 u 48 tal-proċess.
[8] Fol. 220 u 221 tal-proċess.
[9] Fol. 33 tal-proċess.

Ra li b'Digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru 2015, it-Tribunal ordna l-isfilz ta' l-affidavit ta' Anthony Migneco ppreżentat fl-atti ta' dawn il-proċeduri;

Ra li b'Digriet mogħti fl-24 ta' April 2017[10], it-Tribunal ordna li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-Avukat Dottor Patrick Spiteri mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Migneco v. Direttur Ġenerali Taxxa fuq il-Valur Miżjud" Ċitaz. Nru. 532/12, flimkien mad-dokumenti markati Dok. "PS1" esebiti b'Nota ppreżentata fis-27 ta' Frar 2015, fol. 223 sa' 245 tal-proċess, jiġu sfilzati mill-atti ta' dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti tikkontesta stimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05, 01.04.05-30.06.05, 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09[11], in forza ta' liema qed tiġi mitluba tħallas is-somma ta' €1,087,204.86 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma ta' €217,611.33 rappreżentanti penali amministrattivi u s-somma ta' €492,352.37 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal **€1,797,168.56**. Hija titlob li l-imsemmija stimi jiġu kkanċellati u revokati *in toto* u tibbaża l-appell tagħha fuq is-segwenti aggravji: (i) *we feel aggrieved by the said assessments and more specifically we are hereby appealing from them on questions of law relating to their validity in terms of general law and jurisprudence in terms of paragraph (i) of Section 44 of the Value Added Tax Act (Act No. XXIII of 1998);* (ii) *moreover, we also feel aggrieved on the question of administrative penalties which have been arbitrarily imposed upon us and which in themselves are excessive and are in breach of fundamental human rights to have a fair hearing and be given a reasonable time to produce further documentation or give further clarification and explanations. The said penalties are therefore unreasonable and excessive and do not take into consideration various points put forward verbally and in writing by us in our defence.*

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05, 01.04.05-30.06.05, 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) l-appell huwa irritu u null peress illi ma ġiex intavolat entro t-terminu ta' tletin ġurnata prefiss fil-

[10] Fol. 291 u 292 tal-proċess.
[11] Annessi mar-Rikors promotur.

Partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-appell huwa rritu u null stante li s-soċjetà Rikorrenti ma ħallsitx it-taxxa mhux kontestata fl-ammont ta' €916,117.46 u dana in vjolazzjoni tal-Partita 4(1)(b) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-appell huwa rritu u null stante li l-azzjonist ma huwiex il-persuna suġġett ta' l-istimi in kwistjoni u l-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li l-appell jista' jiġi intavolat mill-persuna fil-konfront ta' min jinħarġu l-istimi, fil-każ in eżami s-soċjetà Rikorrenti; u (iv) fil-mertu l-appell għandu jiġi miċħud.

Waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013[12], il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal jittratta u jiddeċiedi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud qabel ma jittratta l-appell fil-mertu, iżda imbagħad waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013[13], id-difensur tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud irtira t-tielet eċċezzjoni sollevata in opposizzjoni għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti. Konsegwentement għalhekk b'din id-deċiżjoni qed jiġu trattati u deċiżi **l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud in opposizzjoni għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti. Apparte minnhekk però, waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013[14], it-Tribunal *ex officio* issolleva kwistjoni dwar il-kompetenza tiegħu biex jittratta u jiddetermina l-proċeduri odjerni stante li mix-xhieda ta' Roberto Formosa, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013[15], irriżulta li f'Novembru 2011 Anthony Migneco ġie notifikat b'Demand Note maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. B'hekk b'din id-deċiżjoni qed tiġi trattata wkoll **il-kwistjoni tal-komptenza tat-Tribunal sollevata *ex officio* minnu stess**.

L-ewwel kwistjoni li ser tiġi trattata hija appuntu dik sollevata mit-Tribunal *ex officio* dwar il-kompetenza Tiegħu biex jittratta u jiddetermina l-proċeduri odjerni.

**Kompetenza tat-Tribunal:**

A tenur ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta *kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* u a tenur tal-Partita 1 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta: *it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' kull appell kontra stima u li jikkonferma, inaqqas jew iżid kull valur taxxabbli jew kreditu jew taxxa ikkalkolata mill-Kummissarju, jew jikkanċella l-istima jew jagħmel kull tip ta' dikjarazzjoni jew ordni oħra kif hu jqis xierqa.* F'tali parametri wkoll kienet arġinata l-kompetneza tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud quddiem min kien oriġinarjament intavolat dan l-appell.

A tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta: *jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar - (a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir*

---

[12] Fol. 17 tal-proċess.
[13] Fol. 18 tal-proċess.
[14] Fol. 33 tal-proċess.
[15] Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.

*ta' dik ir-reġistrazzjoni; (b) kull taxxa li għandha titħallas fuq provvista jew akkwist ħlief għal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa; (ċ) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintagħmel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le; (d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta' oġġetti; (e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli; (f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistratata taħt l-artikolu 10 għal xi żmien ta' taxxa; (g) kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att; (h) jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le; (i) kull punt ta' liġi li m'huwiex inkluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu; (j) kull ħaġa li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell; (k) l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima - dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissaru.* Hawn ukoll il-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud kellu l-kompetenza jittratta u jiddetermina tali kwistjonijiet riferuti lilu minn *taxpayer* jew mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta ferm ċar li t-Tribunal huwa kompetenti biex: (i) jisma' u jiddetermina appelli ta' *taxpayer* minn stima/stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju; kif ukoll (ii) referenzi dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-Liġi li jistgħu jinqalgħu bejn *taxpayer* u l-Kummissarju tat-Taxxi. In kwantu rigwarda **stimi** maħurġa mill-Kummissarju tat-Taxxi, il-kompetenza tat-Tribunal hija limitata għal stimi li **ma jkunux finali u konklussivi**. Una volta li stima issir finali u konklussiva t-Tribunal ma jibqax iktar kompetenti biex jittratta l-eċċessività o meno ta' dik l-istess stima in kwantu hawn jissubentra l-proċess ta' ġbir ta' taxxa da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi regolat bl-Artikoli 58 et seq. tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 58 ta' l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri kien jipprovdi li: *(1) Tista' ssir kawża għal kull taxxa u għall-penali amministrattiva taħt dan l-Att sabiex dawn jinġabru, skond ma jeħtieġ il-każ fil-qorti kompetenti ta' kompetenza ċivili. (2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), il-Kummissarju jista' jibda azzjoni għall-ħlas ta' kull taxxa u ta' penali amministrattiva f'kull żmien matul sitt snin mid-data meta dik it-taxxa jew penali amministrattiva kellhom jitħallsu; (3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'nota ta' talba għall-ħlas dovut mibgħuta b'posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju li jiġi preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fih jintalab il-ħlas ta' l-ammont dovut.*

L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ulterjorment illi: *(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; (2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha*

*titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-pesuna ta' talba għall-ħlas li issir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru ta' l-artijiet, skond il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar; (3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta għalhekk li una volta li l-Kummissarju tat-Taxxi joħroġ Nota ta' Talba Għall-Ħlas (Demand Note), huwa jkun għadda għall-ġbir tat-taxxa u penali amministrattiva dovuta, stadju dan li jeżorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal in kwantu kjarament jaqa' taħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili.

Mill-atti proċesswali u senjatament min-Nota ta' Talba għall-Ħlas datata 21 ta' Novembru 2011 esebita minn Roberto Formosa, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)[16], bħala Dok. "RF1" a fol. 34 tal-proċess, jirriżulta li din inħarġet fil-konfront ta' Anthony Migneco *qua* Direttur tas-soċjetà Medairco Limited bejn l-1 ta' Mejju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009. Mill-AR Card esebita minn Roberto Formosa bħala Dok. "RF2" a fol. 35 tal-proċess, jirriżulta li din in-Nota ta' Talba għall-Ħlas ġiet notifikata lil Anthony Migneco fl-24 ta' Novembru 2011. Mir-Rikors promotur jirriżulta li s-soċjetà Rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni fit-28 ta' Diċembru 2011, ossia wara li Anthony Migneco ġie notifikat bin-Nota ta' Talba għall-Ħlas.

Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li t-Tribunal mhux kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-proċeduri odjerni istitwiti mis-soċjetà Rikorrenti in kwantu dawn evidentament ġew istitwiti **wara u b'konsegwenza diretta** tal-fatt li Anthony Migneco ġie notifikat bin-Nota ta' Talba għall-Ħlas maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi, minn konsiderazzjoni iktar akkurata tas-sitwazzjoni jirriżulta li dan ma huwiex hekk.

In-Nota ta' Talba għall-Ħlas datata 21 ta' Novembru 2011 inħarġet fil-konfront ta' Anthony Migneco *qua* Direttur tas-soċjetà Medairco Ltd. bejn l-1 ta' Mejju 2005 u it-30 ta' Settembru 2009 u mhux sempliċement *qua* Direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' l-imsemmija soċjetà. In-Nota ta' Tabla għall-Ħlas inħarġet fil-konfront ta' Anthony Migneco **f'ismu personali** biex jirrispondi għar-responsabilitajiet tiegħu bħala Direttur tas-soċjetà Medairco Ltd. bejn l-1 ta' Mejju

[16] Illum Kummissarju tat-Taxxi.

2005 sat-30 ta' Settembru 2009 u mhux għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Rikorrenti. In effetti fl-imsemmija ittra jingħad illi: *Mr. Anthony Migneco - ID No. 430847M,* ***f'ismek personali***[17] *mid-dokumenti tad-dipartiment jidher li sal-lum int solidalment mas-soċjetà Medairco Ltd. C-1697 għandek tagħti bilanċ ta' €3,548,680.03 għall-perijodi li fihom inti kont direttur ta' din l-istess soċjetà u cioè il-perijodi li jibdew minn 01/01/2005 sa' 30/09/2009 bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att 1998)…*[18]. Ladarba din kienet interpellazzjoni li saret lil Anthony Migneco f'ismu personali, dik l-istess interpellazzjoni u n-notifika tan-Nota ta' Talba għall-Ħlas ma jistgħux jitqiesu li saru lil u fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, u dana nonostante kwalunkwe solidarjetà bejn l-imsemmija soċjetà u Anthony Migneco għall-perijodu ta' taxxa imsemmi fin-Nota ta' Talba għall-Ħlas.

Din l-aħħar osservazzjoni tat-Tribunal issib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Frank X. Fenech v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Appell Ċivili 1105/08** deċiża fid-29 ta' Novembru 2013, fejn appuntu dik il-Qorti ddikjarat illi: *lanqas il-fatt li teżisti s-solidarjetà bejn is-soċjetà kummerċjali u r-rappreżentanti tagħha ma jwassal għall-konklużjoni li titolu eżekuttiv kontra wieħed jgħodd għall-parti l-oħra wkoll. Il-Laurent (Vol. XX sez. 122) jistaqsi: "I debitori ed i creditori di una cosa indivisibile si rappresentano vicendevolmente?" U jirrispondi: "Quantunque la questione sia controversa, la negativa non ci pare dubbio". Dan l-awtur jgħid l-istess ħaġa għas-solidarjetà. Ta' l-istess opinjoni huma l-Mattirolo (Trattatodi Vir. Giudiz. Civile" Vol. V sez. 159) u il-Mortora (Vol.V sez. 341). Il-kreditur ta' obbligazzjoni solidali jew indiviżibbli ma jistax, allura, jakkwista titolu eżekuttiv kontra l-ko-debituri kollha b'notifika ta' l-att rilevanti lill-parti waħda biss." Darba li d-debituri in solidum ma jirrappreżentawx lill-xulxin, ma jistax dak li sar kontra wieħed mid-debituri in solidum jiġi estiż għall-ieħor, ħlief sa' fejn tali esetenzjoni hija konċessa bil-liġi (ara per eżempju, l-Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili). …*

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta li sad-data tal-ħruġ u notifikata tan-Nota ta' Talba għall-Ħlas u addirittura sat-28 ta' Diċembru 2011 meta ġew istitwiti l-proċeduri odjerni, il-Kummissarju tat-Taxxi ma kienx għadu beda l-proċedura ta' ġbir ta' taxxa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti u wisq inqas ma kellu titolu eżekuttiv fil-konfront tagħha. Konsegwentement għalhekk it-Tribunal huwa kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-proċeduri odjerni, iżda kif ġia iktar 'l fuq osservat, qabel ma jista' jittratta l-appell fil-mertu jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jiġu trattati u determinati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

## Nullità ta' l-appell in kwantu tardiv:

Kif già iktar 'l fuq osservat l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud hija fis-sens li l-appell huwa rritu u null peress illi ma ġiex intavolat entro t-terminu ta' tletin ġurnata prefiss fil-Partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] Enfasi tat-Tribunal.
[18] Dok. "RF1" a fol. 34 tal-proċess.

Għal kull buon fini it-Tribunal josserva li fiż-żmien meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni r-rekwiżiti għall-validità ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud kienu stipulati fil-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Illum, ir-rekwiżiti għall-validità ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jinsabu stipulati fil-Partita 2 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress illi dak li jrid jiġi determinat hu jekk l-appell intavolat mis-soċjetà Rikorrenti quddiem **il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fit-28 ta' Diċembru 2011** huwiex tardiv o meno, it-Tribunal neċessarjament irid jibbaża l-konsiderazzjonijiet u deċiżjoni finali tiegħu fuq dak provdut fil-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux fuq il-Liġi kif applikabbli llum, għad illi r-rekwiżiti għall-validità ta' appell istitwiti quddiem it-Tribunal baqgħu, għajr rekwiżit partikoli li mhux rilevanti għall finijiet tal-proċeduri odjerni, l-istess.

It-Tribunal josserva li fir-Rikors promotur is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li hija intavolat l-appell odjern mill-istimi li ġew notifikati lil Anthony Migneco fl-24 ta' Novembru 2011 filwaqt illi l-Kummissarju tat-Taxxi jqis li dan l-appell sar mill-istimi notifikati fid-9 ta' Settembru 2011 u konsegwentement għalhekk iqisu tardiv in kwantu ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2011.

Fil-fehma tat-Tribunal l-iskop tan-notifika lil Anthony Migneco fl-24 ta' Novembru 2011 ma kienx tant għan-notifika ta' l-istimi maħurġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05, 01.04.05-30.06.05, 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, iżda kien għan-notifika tan-Nota ta' Talba għall-Ħlas maħruġa fil-konfront tiegħu, li magħha kien hemm annessi l-imsemmija stimi. Għalhekk ma jistax jitqies li l-istimi in kwistjoni bħala tali kienu qed jiġu notifikati dakinhar.

Mill-AR Card annessa mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tirriżulta notifika ta' avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud f'idejn Marcelle Migneco fl-indirizz "Serena" Triq Sta. Katerina, Attard, fid-9 ta' Settembru 2011. Is-soċjetà Rikorrenti tipprova tpoġġi fid-dubju kemm dak l-avviż fil-fatt kienu l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri hekk maħruġa fil-konfront tagħha fil-5 ta' Settembru 2009 iżda, mix-xhieda ta' Carmel Dimech, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)[19], mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013[20], it-Tribunal ftit li xejn għandu dubju li dak li ġie notifikat lil Marcelle Migneco fid-9 ta' Settembru 2011 kienu fil-fatt l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti kontestati b'dawn il-proċeduri.

Fir-rigward Carmel Dimech iddikjara: *jien il-VAT inspector u kont involut f'dan il-każ sa' l-istadju li ħriġna l-assessments.* Mistoqsi kif ġew mibgħuta dawn l-istimi huwa wieġeb *aħna nirċievu l-oriġinal u l-kopji ta' kull assessment li nagħmlu. Inpoġġu l-assessments u ittra fejn ninfurmaw lit-taxpayer bid-dritt tiegħu ta' l-*

[19] Illum Kummissarju tat-Taxxi.
[20] Fol. 25 sa' 28 tal-proċess.

*appell, ovvajment naghmluhom f'envelope, nagħmlu l-pink card li hija r-registration form. F'dan il-każ għaddejthom lil economics officer Liliana Gauci, li tqassam ix-xogħol u f'dan il-każ intbagħtu permezz ta' żewġ inspectors oħrajn biex jintbagħtu fl-indirizz indikat. … Meta l-inspectors iqassmu l-assessments, tiġi lura din il-pink card, ikun hemm jew il-firma ta' l-inspectors jekk ikunu poġġewha f'letter box jew inkella d-dettalji ta' min ikun irċieva l-assessments. … Iż-żewġ spetturi Kenneth Pisani u Brian Degabriele.* Għall-mistoqsija tat-Tribunal *inti tikkonferma li dawk l-assessments illi inti bagħat, għaddew lil Kenneth Pisani sabiex dawn jiġu mqassma u din il-pink card tal-posta tirrelata ma' dawn l-assessments?* Carmel Dimech wieġeb *ma' dawk l-assessments iva.* In kontro-eżami mistoqsi *inti b'liema mod tista' tivverifika x'assessments bagħatt lil Medairco Limited, jekk jogħġbok? Jekk bgħattx assessment wieħed, żewġ assessments, ittra biss, b'liema mod tista' tivverifika?* Carmel Dimech wieġeb *jien personalment poġġejt dawn id-dokumenti fl-envelope u għaddejtu lil Liliana Gauci* u għall-mistoqsija ulterjuri *jista' jkun li inti bgħatt l-ittra u l-assessments ma kienux attached u ġew sussegwentement notifikati?* Carmel Dimech wieġeb *jien illum bil-ġurament tiegħi nista' ngħid, b'ċertezza ngħidlek li dakinhar daħħalt dawn is-sett ta' dokumenti fl-envelope.* Is-soċjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li sodisfaċentment għelbet jew ġabet fix-xejn dak affermat u dikjarat minn Carmel Dimech.

Minn dan għalhekk jirriżulta li l-istimi bħala tali maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fil-5 ta' Settembru 2011, inħarġu għan-notifika fid-9 ta' Settembru 2011 u dakinhar stess ġew notifikati f'idejn Marcelle Migneco, residenti fil-fond "Serena" Triq Sta. Katerina, Attard. Għalkemm *prima facie* jista' jidher li l-appell odjern huwa tardiv in kwantu ġie ntavolat ben oltre t-terminu ta' tletin ġurnata previst fil-Liġi, minn analiżi iktar akkurata tal-fatti jirriżulta li dan ma huwiex minnu in kwantu skond dak li rriżulta mill-provi n-notifika lil Marcelle Migneco ma hijiex notifika valida għall-finijiet u effetti tal-Liġi.

A tenur ta' l-Artikolu 77(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien meta ġew notifikati l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri: *kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż ikun ġie riċevut fil-kors ordinarju tal-posta: iżda cheque jew ċedola impostati mill-Kummissarju għandu jitqies li jkun ħlas ta' dak l-ammont magħmul fid-data meta jkun ġie impostat.* L-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Kull segretarju, manager, direttur, stralċarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, peruna oħra, trust, fund jew enti ieħor, skond il-każ; … (3)(ċ) avviż li jiġi notifikat lil rappreżentant jew ħlas lura li jsir lil rappreżentant fil-kariga tiegħu ta'*

*rappreżentant taħt kull disposizzjoni ta' dan l-Att għandhom jitqiesu bħala notifikat jew magħmul lill-persuna li huwa jkun rappreżentant tagħħha.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta li sabiex notifika ta' avviż, inkluż stimi, maħurġ mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' soċjetà kummerċjali titqies bħala valida ai termini tal-Liġi din għandha ssir lil rappreżentant ta' dik is-soċjetà, li ai termini ta' l-Artikolu 66(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jkun kull segretarju, manager, direttur, stralċarju jew uffiċjal prinċipali ieħor tas-soċjetà. Tali notifika tista' ssir lir-rappreżentant personalment, direttament jew indirettament, jew inkella bil-posta imma li hu importanti hu li min effettivament jiġi notifikat irid ikun fiż-żmien tan-notifika rappreżentant ta' dik is-soċjetà.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fil-5 ta' Settembru 2011 ġew indirizzati fl-indirizz "Serena" Triq Sta. Katerina, Attard u ġew notifikati f'idejn Marcelle Migneco fid-9 ta' Settembru 2011. Mid-dokumenti esebiti minn Dr. Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumapnniji a fol. 53 sa' 219 tal-proċess, jirriżulta li l-indirizz "Serena" Triq Sta. Katerina, Attard, hu, jew ta' l-inqas kien, l-indirizz ta' Anthony Migneco li fiż-żmien kien Direttur u Segretarju tas-soċjetà Rikorrenti. Għalhekk in-notifika ta' l-istimi kienet intiża li ssir lil dan Anthony Migneco għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Rikorrenti. Minn dawn l-istess dokumenti però jirriżulta li Anthony Migneco kien irriżenja mill-kariga ta' Direttur u ta' Segretarju b'effett mid-9 ta' Settembru 2009, hekk kif jirriżulta mill-Form K ippreżentata fir-Reġistru tal-Kumpanniji fl-14 ta' Settembru 2010, a fol. 56 tal-proċess. Isegwi għalhekk li fiż-żmien meta saret in-notifika f'idejn Marcelle Migneco, u cioè fid-9 ta' Settembru 2011, Anthony Migneco ma kienx ikopri l-kariga ta' rappreżentant tas-soċjetà Rikorrenti. Ladarba dan Anthony Migneco fiż-żmien tan-notifika ma kienx rappreżentant tas-soċjetà Rikorrenti ma jistax jitqies li l-istimi notifikati fid-9 ta' Settembru 2011 ġew validament notifikati lill-imsemmija soċjetà.

F'dawn iċ-ċirkostanzi ma hemmx konklużjoni oħra li tista' tiġi raġġunta mit-Tribunal fir-rigward tal-validità tan-notifika stante li kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvana Xuereb v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deċiża fil-31 ta' Jannar 2008: *ġie ppruvat li fit-8 ta' Marzu 2004, l-attriċi irriżenjat minn direttriċi tal-kumpannija in kwistjoni w anke bħala rappreżentant legali u ġudizzjarju ta' l-istess. Il-Form K relattiva ttieħdet fir-Reġistru tal-Kumpanniji fit-18 ta' Ġunju 2004 u jidher li ġiet imdaħħla fil-file relattiv tal-kumpannija (reġistrazzjoni numru C16755) fl-24 ta' Ġunju 2004. Dan ifisser li, minn dakinhar, il-pubbliku kellu għarfien ta' din il-bidla, u hu mistenni li jaġixxi fit-termini ta' dak li jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpannija. Fid-dawl u bis-saħħa tal-'principle of constructive notice' ... terza persuna li tidħol f'relazzjoni ġuridika ma' kumpanija kummerċjali hija meqjusa li taf x'jgħidu d-dokumenti pubbliċi ta' dik il-kumpanija.*

Jiġi in oltre osservat li skond il-Memorandum & Articles of Association tas-soċjetà Rikorrenti *the Company shall be represented legally and judicially by any one of its directors or without prejudice and in addition to the authority of each director to represent the company as aforesaid, in a particular case or cases or classes of cases, by such other person or persons as the Board of Directors may appoint.* Minn dan jirriżulta li una volta li b'effett mid-9 ta' Settembru 2009 Anthony Migneco irriżenja mill-kariga ta' Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, huwa ma kellux iktar r-rappreżentanza

legali u ġudizzjarja ta' l-imsemmija soċjetà u f'dawn il-proċeduri l-Kummissarju ma ressaq l-ebda prova li sodisfaċentament turi li f'dawk iż-żminijiet, ossia f'Settembru 2011, Anthony Migneco kien, b'mod attiv, għadu qed jagħmel xogħol għan-nom tas-soċjetà Rikorrenti. Għalkemm l-appell odjern tressaq minn Anthony Migneco għan-nom tas-soċjetà Rikorrenti s-sitwazzjoni dwar in-notifika ma tinbidilx stante li dan l-appell se mai juri x'setgħet kienet is-sitwazzjoni fit-28 ta' Diċembru 2011 u mhux neċessarjament x'kienet is-sitwazzjoni fid-9 ta' Settembru 2011 meta ġew notifikati l-istimi f'idejn Marcelle Migneco.

Għal kull buon fini jiġi osservat ukoll illi Marcelle Migneco, bi probabilità qawwija membru tal-familja ta' Anthony Migneco, ma għandha, u fiż-żmien in kwistjoni ma kellha, l-ebda tip ta' konnessjoni mas-soċjetà Rikorrenti u għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma jistax jitqies li l-istimi notifikati lilha ġew per konsegwenza notifikati lis-soċjetà Rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat isewgi li ma jistax jitqies li l-appell odjern huwa tardiv stante li n-nuqqas ta' notifika skond il-Liġi ma jagħti qatt bidu għaż-żmien, ossia t-terminu ta' tletin ġurnata prefiss fil-Liġi, li jimxi kontra l-persuna għall-finijiet li jitressaq appell minn stimi maħruġa fil-konfront tiegħu/tagħha li qatt ma ġiet formalment notifikata bihom. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2003, *issa huwa minnu illi terminu legali perentorju bħal ma huwa dak previst fir-Regolament speċifiku ta' l-Avviż Legali 83 ta' l-1997 ma jistax jiġi mġedded. Dan però jibqa' hekk il-każ sakemm ma jkunux stabbiliti, bħal ma hu proprju dan il-każ, illi l-introduzzjoni ta' l-appell kien preċedut minn notifika rregolari u għalhekk nulla. Ma għandux jiġi minsi illi l-perijodu ta' tletin (30) jum stipulat fis-subparafrafu (d) tar-Regolament 6 jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell. Notifika li għandu jkun preżunt li tkun waħda regolari u valida f'kull rispett.* Għalkemm din is-sentenza ġiet pronunċjata fl-isfond ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-prinċipju ċentrali enunċjat mill-Qorti dwar il-ħtieġa ta' notifika valida biex terminu perentorju prefiss fil-Liġi jibda jiddekorri, japplika fil-każ in eżami wkoll.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Trattata din l-ewwel eċċezzjoni preliminari t-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi.

**L-irritwalità ta' l-appell stante li s-soċjetà Rikorrenti ma ottemperatx ruħha ma' dak rikjest fil-Partita 4(1)(b) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:**

It-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, hija fis-sens illi l-appell huwa rritu u null stante li s-soċjetà Rikorrenti ma ħallsitx it-taxxa mhux kontestata fl-ammont ta' €916,117.46 in vjolazzjoni ta' dak provdut fil-Partita 4(1)(b) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawn ukoll it-Tribunal milli ġdid josserva li siccome l-

kwistjoni tittratta dwar il-validità ta' appell istitwit fl-2011, il-Liġi li trid tiġi ikkunsidrata hija dik in vigore dak iż-żmien u mhux il-Liġi in vigore llum. B'hekk it-Tribunal se jibbaża l-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konklużjoni tiegħu fuq *inter alia* dak provdut fil-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux fuq dak illum provdut fil-Partita 2 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 46 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien meta ġie intavolat l-appell odjern kien jipprovdi li: *id-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tapplika għar-rigward ta' kull appell magħmul jew ta' kwistjoni riferita lill-Bord, l-għamla u l-kompetenza tal-Bord u r-regolamenti tal-proċeduri tal-Bord.* Il-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien meta ġie ntavolat l-appell odjern kienet tipprovdi li: *(1) Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba: (a) ma tkunx saret denunzja lill-Kummissarju għaż-żmien ta' taxxa li dwaru tkun tirreferi l-istima qabel ma jinġieb l-appell; u (b) ma tkunx tħallset it-taxxa kollha li m'hemmx kwistjoni dwarha li kellha titħallas mill-appellant; u (ċ) ma jkunx tħallas ammont ta' ħamsa fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha jew mitt euro (€100) skond liema jkun ogħla; u (d) l-appella ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell; u (f) l-appella ma jsirx b'dik l-għamla u b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt; u (f) ma jsirx il-ħlas ta' dritt amministrattiv hekk kif jista' jiġi preskritt.* Għal kull buon fini jiġi osservat illi fis-sustanza il-kondizzjonijiet proċedurali meħtieġa għall-validità ta' appell minn stimi quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva baqgħu l-istess ħlief għall-kondizzjoni li jrid jiġi effettwat ħlas ta' 5% tat-taxxa kontestata jew ta' €100 skond liema hi l-ogħla in kwantu llum tali kondizzjoni ma għadhiex meħtieġa.

Kif appena osservat, fil-każ in eżami l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti huwa rritu u null għaliex l-imsemmija soċjetà ma ħallsitx it-taxxa mhux in kontestazzjoni. Fir-rigward Roderick Sultana[21], rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)[22], iddikjara li *Medairco Limited bħala VAT fil-VAT return tagħha, mhux assessments, VAT fil-VAT returns, iddikjarat one million, five hundred and nineteen thousand, six hundred and sixteen point eighty five cents. Din hija taxxa li ddikjarat li biegħetu. Issa bħala flus li għaddiet lid-Dipartiment, għamlet six hundred and three thousand, four hundred thirty nine and thirty six cents, allura jifdal taxxa pura li mijiex imħallsa. ... Mhux kontestata. L-assessments ikkontestati huma one million, eighty seven thousand, two hundred and four.* Għall-mistoqsija tat-Tribunal *jiġifieri mit-taxxa minnha stess iddikjarata dovuta, parti minnha baqgħet ma tħallsitx?* Roderick Sultana wieġeb *hekk hu.* Meta reġa' xehed waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2014[23], Roderick Sultana iddikjara: *qed nippreżenta dokumenti[24] fejn l-ewwel dokument li jgħid VAT 1999 balance jindika qisu resumè tal-bilanċ hekk kif kien jidher fis-27 ta' Frar 2014 meta jiena proprjament għamilt dan l-eżerċizzju. Jekk taraw il-kolonna paid huwa l-ammont li s-soċjetà ħallset li jammonta għal 603,439.36. Jiena qbadt il-pagamenti kollha li l-kumpanija għamlet minn ġos-sistema u rriżultawli li huma 603,439.29. Id-*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013, fol. 29 u 30 tal-proċess.
[22] Illum Kummissarju tat-Taxxi.
[23] Fol. 47 u 48 tal-proċess.
[24] Fol. 41 sa' 46 tal-proċess.

*differenza fis-sens hija r-rounding up meta ġejna mill-Maltin għall-Euro. Fl-attachment l-oħra qed turini t-tax periods, il-vat returns hekk kif iddikjarat il-Medairco Limited u t-taxxa r-return tax li hi ddikjarat li hija payable fil-vat returns tagħha. Qbadt dak l-ammont ta' 603,439.29, rajt ir-running total tat-tax returns iddikjarat mis-soċjetà u rriżultali li t-taxxa mħallsa hija sal-perijodu tal-1st April 2005 sat-30th June 2005. Pressopoco hemmhekk ir-running total kien suppost ta' 610,935 meta t-total payments li ddikjarat is-soċjetà 603,439.29. Jiġifieri biex ngħidu eżatt lanqas it-tax kollha ta' dak it-tax period ma hija mħallsa. It-taxxa ta' wara dak il-perjodu li semmejt jirriżulta li mhijiex imħallsa. Ħaġa oħra li xtaqt insemmi huwa li f'dan l-eżerċizzju eliminajt kompletament, u dana a favur tas-soċjetà, li attribwejt l-ewwel il-pagamenti kontra l-multi u l-imgħax neħħejthom kompletament u qabbilt il-pagamenti totalment mat-taxxa ddikjarata.* Għall-mistoqsija *jiġifieri dik li qed tirreferi għaliha bħala taxxa mhux kontestata u li xorta għadha ma tħallsitx, dik li fix-xhieda inti għedt li hija taxxa pura hija 916,000?* Roderick Sultana wieġeb *hekk hu li hija d-differenza bejn dak li ġie ddikjarat less il-payments li saru u fl-aħħar seduta ġejt mistoqsi allura liema huma l-perijodi li m'humiex imħallsa. Meta wieħed jagħmel dak l-eżerċizzju li għamilt jien, jaqbad it-taxxa kollha li ġiet iddikjarata mill-1 ta' Jannar 1999 u tagħmel running total u tqabad it-total ta' dak kollu li tħallas, tqabbilhom flimkien u tasal għall-perijodu u tgħid s'hawn tħallset.*

Mix-xhieda ta' Roderick Sultana jirriżulta għalhekk li s-soċjetà Rikorrenti ħallset it-taxxa minnha dikjarata u kwindi mhux kontestata per lo più sal-perijodu ta' taxxa **01.04.05-30.06.05**, b'dana għalhekk li t-taxxa dikjarata u mhux kontestata għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, li huma inklużi fil-perijodi ta' taxxa koperti bl-istimi hawn kontestati, ma tħallsitx u ma tressqet l-ebda prova li fil-frattemp setgħet tħallset.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti in kwantu jolqot l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05 u 01.04.05-30.06.05 huwa validu stante li mxiet in ottemperanza mal-kondizzjonijiet proċedurali kollha meħtieġa għall-validità ta' l-istess iżda ma huwiex validu in kwantu jolqot l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09. Din l-aħħar osservazzjoni ssib sostenn f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Joseph Mifsud Bonnici noe,** deċiża fis-17 ta' Novembru 1958, dwar regoli preskritti mill-Liġi dwar appelli quddiem il-Bordijiet Speċjali, f'dak il-każ partikolari l-Bord ta' Kummissarji Speċjali, fejn appuntu ngħad illi: *ir-regoli, huwa veru, ma jgħidux espressament li l-konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza tagħhom hi n-nullità ta' l-appell. Iżda huwa ċar li hawn si tratta ta' mod ta' proċedura preskritt mill-Liġi f'termini kategoriċi u n-nuqqas ta' osservanza tiegħu jiffrustra l-iskop evidenti li għalih il-Liġi ppreskrivietu. U la l-Liġi ordnat dak il-*

*mod ta' proċedura għal dak l-iskop, għandu jitqies illi hi impliċitament ipprojbiet li l-appellant jagħżel jekk jogħġbu mod ieħor jew ma josservahx.*

Minn dan kollu jsegwi għalhekk li għalkemm l-appell tas-soċjetà Rikorrenti sa fejn jolqot l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 ma jistax u ma għandux jitqies bħala validu ai termini tal-Liġi in kwantu mhux konformi mal-kondizzjonijiet proċedurali kollha kif elenakati fil-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien tal-preżentata ta' l-appell, dan l-istess appell sa' fejn jolqot l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05 u 01.04.05-30.06.05 għandu jitqies bħala validu in kwantu intavolat in konformità ma' dak provdut fil-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk jistħoqq li jiġi mismuħ fil-mertu limitatment għall-imsemmija żewġ stimi.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Fl-ewwel lok jiddikjara li huwa kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tagħha datati 5 ta' Settembru 2009;

2. Jiddikjara li l-appell ma huwiex irritu u null in kwantu ma huwiex tardiv u konsegwentement jiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Miżjud;

3. Jiddikjara li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti in kwantu jolqot l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06, 01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 huwa rritu u null in kwantu mhux konformi mal-Partita 4(b) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Liġi kif applikabbli fiż-żmien meta ġew istitwiti l-proċeduri odjerni, u b'hekk jastejni milli jieħu konjizzjoni ta' dan l-appell in kwantu jolqot l-imsemmija stimi; iżda

4. Jiddikjara li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti in kwantu jolqot l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05 u 01.04.05-30.06.05 huwa validu in kwantu huwa konformi mal-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Liġi kif applikabbli fiż-żmien meta ġew istitwiti l-proċeduri odjerni;

5. Konsegwentement filwaqt li jilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud limitatament sa' fejn l-appell tas-soċjetà Rikorrenti jolqot l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.09.05, 01.10.05-31.12.05, 01.01.06-31.03.06, 01.04.06-30.06.06, 01.07.06-30.09.06, 01.10.06-31.12.06,

01.01.07-31.03.07; 01.04.07-30.06.07, 01.07.07-30.09.07, 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, jiċħad din l-istess eċċezzjoni sa' fejn l-appell tas-soċjetà Rikorrenti jolqot l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05 u 01.04.05-30.06.05, u jordna l-prosegwiment ta' l-appell tas-soċjetà Rikorrenti fil-mertu limitatament għall-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.03.05 u 01.04.05-30.06.05.

It-Tribunal jirriserva li jipprovdi dwar l-ispejjez fid-decizjoni finali dwar il-mertu kif premess.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**